VALLETTA
*Città Umilissima*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 54

It-Tlieta 5 ta' Settembru 2023

Il-Kunsilli Lokali Valletta ltaqa' fl-Ufficcini tal-Kunsill Lokali fil-17:00 hrs.

PREŻENTI:
Alfred Zammit – Sindku
Raymond Azzopardi – Viċi Sindku
Lian Pace – Kunsillier
Vincent Fabri – Kunsillier
Jurgen Briffa – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 120A (20):
Christian Micallef – Minority Leader
Mark Spiteri Lucas – Kunsillier

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv
Christabel Busuttil – Office Assistant

# Minuti

Is-Sindku ippreseda din il-laqgha.  Il-Kunsill qal it-talba.

## 54.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġija

54.1.1 Nil

## 54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

54.2.1 Il-minuti gew approvati.

## 54.3 Komunikazzjoni mis-sindku

54.3.1 Is-sindku informa illi is-Segretarju Ezekuttiv kellha komunikazzjoni minn Festivals Malta rigward li mhux ser jithallew li jitpoġġew stalls etc fiz-zona ta’ Notte Bianca. Dawn il-permessi ser jinhargu biss fiz-zona ta’ barra Notte Bianca.

Is-sindku issuġġerixxa li minhabba il-volum kbir ta’ nies li kien hemm is-sena l-ohra fuq il-bridge ta’ bieb il-Belt, in-nies jidhlu minn Bieb il-Belt u johorgu minn exits ohra biex b’hekk tonqos ir-rassa fuq il-pont.

GA issuġġeriet li it-tfal ikollhom bracelets bin-numru tal-genituri.

54.3.2 Is-sindku staqsa dwar il-mobile toilets li tpoġġew mal-hajt tal-Palazz.

54.3.3 Is-sindku talab li jingiebu kwotazzjonijiet biex isir sign jghid “I <3 Valletta jixghel bhalma ikun hemm barra minn Malta biex in-nies jiehdu ritratti mieghu. RA issuġġerixxa li din issir tahdem bid-dawl tax-xemx. GA ghandha tiċċekkja x’jista isir fuqha.

54.3.4 Is-sindku informa illi il-Gvern ikkonsulta mal-Kunsill dwar il-Progett tal-Pixkerija u ta’ l-Evans Building. Dawn huma binjiet abbandunati u mhumiex qed jintużaw to the full. L-Evans Building ghandha issir Hotel ta’ 5 stilel. Is-sindku informahom dwar il-problema tal-parking fil-Belt Valletta.

Huwa ghaddielhom suġġeriment li isir proġett tal-parking fl-inhawi ta’ Hastings Gardens peress li dak huwa l-unika post fejn jista isir thaffir. Is-sindku jixtieq illi b’dan il-progett il-Gonna ta’ Hastings isiru iktar miftuhin.

Is-sindku jixtieq illi fil-progett tal-Pixkerija jiġu inkljuzi ukoll il-Progett tal-Qampiena u il-progett tal-Belveder li jinsab taht il-qampiena u li dawn isiru bhala parti mis-CSR.

Bhala parti minn dawn il-progetti ghandhom jiġu installati ukoll is-swar ta’ dawk l-inhawi

Is-sindku informa li fejn isir il-Jazz Festival ser isir ġnien zghir.

Fakkar illi dan il-progett bdieh gvern tal-PN u komplieh gvern tal-PL.

Is-sindku ghandu johrog stqarrija fuq il-progett minhabba li kien hemm xi nies li taw xi misinformation. Is-sindku qara din l-istqarrija u il-kunsill kollu qabel fuqha.

54.3.5 Is-sindku fakkar li il-parkeggi li kien hemm quddiem dar il-Mediterran tnehhew u iccaqalqu ghal-post iehor.  It-tabelli fejn hemm dawn il-Parkeggi iridu jinbidlu ghax mhux ċari.

54.3.6 Is-sindku informa li ser isir Summit tal-MED 9 fil-Belt Valletta fejn ser iżuru Malta numru ta’ Ministri mill-Ewropa. Minhabba dan il-progett tad-dawl ser jibda minn naha ta’ Triq il-Mediterran biex l-inhawi ta’

fejn ser issir il-konferenza ikun imdawwal u jibqa jitgawda ghal-zmien twil. Ser isir ukoll tarmac ġdid mad-dawra ta' Dar il-Mediterran.

54.3.7 Is-sindku jixtieq illi il-muzicisti li idoqqu fil-Belt Valletta jirreġistraw mal-Kunsill. GA infurmatu li din ma tistax issir.

GA infurmat illi tkellmet mal-President ta' l-Assoccjazzjoni tal-hwienet bars u restaurants. Din ghandha tibghat komunikazzjoni lil membri taghha li meta iġibu xi mużiċisti jiġu ghal-permess il-Kunsill Lokali.

VF issugerrixxa illi isir xi tip ta' programm biex ikun hemm band wahda f'kull area u b'hekk jonqos l-istorbju u il-genn.

RA ma qabilx li jitwaqqfu nies milli idoqqu fil-Belt Valletta.

## 54.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Ezejuttiv

54.4.1 GA infurmat li il-Public Conveniences ta' Hastings Gardens hemm dewmien ghax hemm xi problemi minhabba li ma kienx hemm structure. Apparti minn hekk kien hemm xi monitoring mas-Superintendent tal-Heritage.

54.4.2 Updates dwar l-Impjegati:
Tony Galea irrisenja mill-Kunsill u ser imur jahdem go Kunsill iehor li fih inqas stress u minhabba f'hekk ser taghmel xi restructuring fix-xoghol ta' l-istaff. Ser jinhargu internal calls dwar dan.

- Paul Camilleri ser isir impjegat full time tal-Kunsill.
- Julian Vassallo ser jibda jiehu hsieb ix-xoghol li jaghmel Tony Galea.
- Hayden Sciberras ser jiehu hsieb xoghol Julian
- Christabel Busuttil ser jinbidlilha ix-xoghol.
- Leonora Celeste mhux ser ikollha tibdil.

Bhala parti minn dawnj it-tibdil l-istaff ser ikollhom xi żieda. Iktar informazzjoni ser tinghata fil-laqgha li imiss.

54.4.3 Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali flimkien ma AKL u Victim Support unit li qed jaghmlu kors dwar kif titratta każijiet sensittivi. GA infurmat li l-istaff kollu ser jintbaghat ghal dan il-kors.

54.4.4 GA infurmat li sar xoghol sabih mat-tfal ta' l-iskola bhala parti minn skola sajf. Bhala parti minn dan saru xi korsijiet tal-Computer fl-iskola tal-Gvern. Il-ġenituri apprezzaw dan ix-xoghol.

54.4.5 Il-progett ta' Pjazza San Duminku ser jiġi resubmitted lil planning department minhabba żball li ghamel il-perit l-antik.

54.4.6 Ser issir Phase 2 tal-Progett ta' Augusta fejn dawn ser iżuru il-Belt Valletta ghal żmien il-Festa ta' San Duminku.

54.4.7 GA infurmat li kellha komunikazzjoni minghand il-World Carnival Cities biex issir il-Konferenza ta' Dias Natalis fil-Belt Valletta. Din ser issir f'Ottubru tas-sena 2024. GA infurmat illi il-kunsill ma johrogx flus ghal dan. Il-kunsill qabel dwar dan.

54.4.8 GA infrumat illi il-public convenience ta' Marsamxett ser issir bis-sahha ta' skema tar-regjun u li diġà bdiet ix-xoghol.

54.4.9 GA qalet li ser jiġu installati xi cameras fil-postijiet fejn hemm issues ta' rimi bl-addocc. Din il-lista tinsab hawn taht:

- Merchant street just opposite of St. Elmo school .
- Sally port (fossa) boat houses area .
- Old mint street c/w Old theatre street .
- Republic street c/w Old hospital street .
- Mattia Preti square (opposite of Mannarinu confectionary ).
- Old prison yard .
- St Ursula street c/w St Domenic street .
- St Pauls street c/w St Domenic street .
- Merchant street c/w St Domenic street .
- Old Bakery street c/w St Domenic street .
- St Joseph street c/w Old hospital street .
- Victoria Gate facing (Dahlet gnien is-sultan ).
- Mediterranean street facing stairs (taht iz-ziemel ) .

54.4.10 GA infurmat illi hi u is-sindku kellhom laqgha mal-FITA li hija entita governattiva li tghallem kif jużaw il-computer b'xejn.

54.4.11 GA infurmat illi kellha numru ta' laqghat mal-Ministru tat-Turizmu u l-Onor Zerafa Civelli dwar il-gbir ta' l-iskart. Il-ministru tat-Turizmu jixtieq illi il-gbir kollu ta' l-iskart fil-Belt Valletta isir filghodu. Dan ir-request dahal ulkoll mill-Ufficcju tal-Prim Ministru.

RA qal illi hu mhux kontra li jinbidlu il-hinijiet però jibza li jergghu jithawwdu ir-residenti.

GA infurmat illi il-kuntrattur li rebah it-tender ghandu numru ta' sub contractors u li jekk ma jistax jahdem il-kuntrattur li hemm bhalissa jiehu hsieb kuntrattur iehor.

Il-hin huwa pjanat li ikunu bejn it-8am u id-9:30am.

Ser issir kampanja edukattiva dwar dan.

Fil-ghaxija il-Cleansing Department ser ikun qieghed inaddaf u jekk ikun hemm xi skart li inhareg matul il-lejl jiġbruh huma.

GA ser taghmel laqgha mas-Segretarju tar-Regjun u mal-Ministru tat-Turizmu dwar dan il-pjan. Lil kunsilliera ser iżżommhom infurmati fic-chat.

54.4.12 GA infurmathom illi l-AKL, flimkien mar-Regjun u l-Onor Zerafa Civelli ghamlu laqgha dwar parking schemes tal-lokalitajiet kollha. Il-kunsilliera ghandhom cans li jaghmlu proposta dwar kif jahsbu li il-parkegg fil-Belt Valletta ghandu jinbidel.

AZ issugerrixxa illi jitnehha il-parking il-blu.

## 54.5 Mistoqsijiet u kummenti tal-Kunsillieri

54.5.1 RA staqsa kif il-latrini tal-Belt huma kollha maghluqin. GA infurmatu li ta' Melita street ġieli tkun miftuha però ta' Strada Carri ha tohodha meta jitlesta ix-xoghol fuq dik ta' Marsamxett. Din qed tkun maghluqha ghax diehel xi ilma fiha li gej mill-gaps ta' gol-madum ta' Triq ir-Repubblika. Dan l-ilma diehel ukoll f'numru ta' hwienet go Republic Street. GA ser tissuġġerixxi illi isir xi tip ta' sealer fil-madum ta' Republic Street biex forsi din il-problema tissolva.

54.5.2 RA staqsa ta' min huma il-Public Conveniences li hawn fil-Belt. GA qaltlu li huma tal-Cleansing Department però dawn ihallu lil kunsilli jiehdu hsiebhom.

54.5.3 VF staqsa ghal informazzjoni fuq il-Festivals li qed isiru fi Pjazza Tritoni. Dawn qed ikollhom sound qawwi hafna li qieghed idejjaq ir-residenti tan-naha ta' Hastings Gardens. Apparti minn hekk qedghin jaghlqu il-passagg biex wiehed jidhol fil-Belt Valletta.

54.5.4 Lian issuġġerixxa li iduru it-tabelli biex jaċċertaw li dawn qedghin kif suppost. GA infurmat li dan ser isir kif jiksah ftit it-temp.

54.5.5 VF staqsa dwar x'ser isir quddiem is-shelter li hemm fejn il-Pixkerija. AZ infurmah li hemm pjan biex issir marina zghira.

## 54.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

54.6.1 Nil

## 54.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

54.7.1 NIL

## 54.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Lulju u Awwissu 2023

IFFIRMATA

IFFIRMATA

Alfred Zammit
Sindku

Gabriella Agius
Segretarju Eżekuttiv